DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/906

tad-29 ta' Ġunju 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' April 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 ([1]), li tipprevedi perijodu ta' implimentazzjoni ta' 18-il xahar mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi f'dik id-Deċiżjoni, għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tiegħu.

(2) L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm talab estensjoni sas-16 ta' April 2021 tal-perijodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615. It-talba mitluba hija minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u s-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet taħt id-Deċiżjoni (PESK) 2019/615.

(3) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 tista' ssir mingħajr ebda implikazzjoni ta' riżorsi finanzjarji sas-16 ta' April 2021.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/615 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk f'dan il-perijodu ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' finanzjament.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/615 tal-15 ta' April 2019 dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet li jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2020 tal-Partijiet għat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' Armi Nukleari (TNP) (ĠU L 105, 16.4.2019, p. 25).